**17 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Hadrian Bonello

*versus*

Av. Dott. Edgar Depasquale *et*

## Separazzjoni Personali - Eċċezzjoni ta' Nullità taċ-Ċitazzjoni

*Kuntrarjament għal dak li ġie kważi kostantement ritenut fil-prattika ta' dawn il-Qrati, id-digrieti tas-Sekond'Awla ma għandhom ebda terminu u jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu rrevokati minn dik il-Qorti jew minn Qorti oħra u dana ħlief għal xi eċċezzjonijiet.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ippreżentata mill-attur *nomine* fit-30 ta' Ottubru, 1995 fejn ippremetta:

Li huwa żżewweġ lill-konvenuta Lesley Anne Waller fl-20 ta' Ġunju, 1991;

Li ż-żwieġ ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment kawża ta' abbandun, inġurji gravi u raġunijiet oħra li skond il-liġi jagħtu lill-attur id-dritt li jitlob is-separazzjoni personali *a mensa et thoro*;

Li b'digriet numru 768/95 tas-17 ta' Lulju, 1995 ta' l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili (Dok. A) l-istanti ġie awtorizzat jipproċedi bl-odjerna ċitazzjoni;

Talab li għalhekk il-konveuti *nomine* jgħidu għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet peress illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet imputabbli unikament lill-konvenuti *nomine*;

Bl-ispejjeż tal-preżenti;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu u l-lista tax-xhieda;

Rat id-dokumenti minnu esebiti;

Rat l-ewwel nota ta' l-eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni ġuramentata tal-kuraturi deputati ta' l-14 ta' Ottubru, 1996 li kienu ġew appuntati biex jirrappreżentaw lill-assenti konvenuta fejn fil-qosor, iddikjaraw li ma kinux edotti mill-fatti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess kuraturi mogħtija mill-istess kuraturi fuq il-meritu fil-25 ta' Novembru, 1996 fejn eċċepew;

"Illi preliminarjament u għall-preċiżjoni jirrileva illi l-okkju tal-kawża indikat fl-avviż għas-smigħ ma jaqbilx ma' l-okkju tal-kawża indikat fiċ-ċitazzjoni, però għal kull buon fini jagħti ruħu b'notifikat bl-istess avviż għas-smigħ;

Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni odjerna hija nulla stante l-estinzjoni tad-dritt ta' azzjoni ta' l-attur minħabba d-dekors ta' aktar minn xahrejn mid-data tad-digriet tas-Sekond'Awla li awtorizza lill-attur sabiex jipproċedi għas-separazzjoni personali, ċjoè s-17 ta' Lulju, 1995 (vide fol.. 7 tal-proċess) u d-data tal-preżentata taċ-ċitazzjjoni odjerna ċjoè t-30 ta' Ottubru 1995, u dana a tenur ta' l-artikolu 480 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjent mhuwiex edott mill-fatti u għalhekk jirriserva illi jagħti l-eċċezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha u l-lista tax-xhieda;

Wara rikors ta' l-avukat Dr. Edgar Depasquale ta' l-10 ta' Jannar, 1997 fejn talab li jiġi sostitwit, dan ġie sostitwit bl-Avukat Dottor Joseph Mario Sammut;

Fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 1997 Dr. Sammut assuma l-eċċezzjonijiet kif ippreżentata mill-kuraturi. Huwa rrimetta ruħu fuq l-atti proċesswali għal dak li jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni;

*Omissis*;

Il-kawża ġiet iddifferita għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Dwar l-ewwel eċċezzjoni ma tantx hemm xi tgħid peress ukoll illi l-kuraturi deputati taw ruħhom notifikati bl-avviż għas-smigħ. Għal kull buon fini però l-Qorti tordna li ssir il-korrezzjoni relattiva fl-istess avviż;

Dwar it-tieni eċċezzjoni din il-materja ġiet ittrattata fis-sentenza ta' l-appell tal-15 ta' Diċembru, 1995 fl-ismijiet **Louis Sultana *vs* Dr. Alfred Grech *nomine*** fejn kienet ingħatat l-istess eċċezzjoni mill-kuraturi deputati;

Jingħad mill-ewwel però illi l-artikolu 480, Kapitolu 12, imsemmi mill-kuraturi deputati fil-każ preżenti fit-tieni eċċezzjoni tagħhom jirreferi biss għat-terminu ta' l-esegwibilità ta' digriet tas-Sekond'Awla dwar alimenti provviżorji jekk ma titmexxiex l-azzjoni fi żmien xahrejn mid-data tad-digriet. F'dan il-każ ma hemm ebda talba għall-alimenti kif lanqas kien hemm fis-Sekond'Awla u ma hemm ebda digriet minn din il-Qorti f'dan is-sens. Dan l-artikolu, għalhekk mhuwiex applikabbli;

Ta' aktar relevanza invece huwa l-artikolu 553 - Kapitolu 12 li kien l-artikolu li ġie eżaminat mill-Qorti ta' l-Appell fis-

sentenza fuq ċitata, dwar din il-kwistjoni u ċjoè dwar il-kwistjoni ta' x'validità għandhom digrieti tas-Sekond'Awla Ċivilli;

Dan l-artikolu hekk jgħid:

"Kull digriet ta' awtorizzazzjoni jew permess għal xi konvenzjoni jew rinunzja ma jibqax iseħħ kemm-il darba l-att ta' konvenzjoni jew rinunzja, imsemmija fid-digriet ma ssirx fi żmien sitt xhur minn dakinhar tad-digriet jew mill-ġurnata mogħtija fid-digriet";

Il-Qorti ta' l-Appell minkejja li affermat li kienet taqbel mal-prattika li kienet teżisti, liema prattika kienet tqis id-digrieti tas-Sekond'Awla bħala temporanji però kkunsidrat b'dan il-mod:

"Il-Qorti għalhekk studjat anke t-test Ingliż ta' dan l-artikolu bl-intenzjoni li tipprova tasal biex tikkonkludi li dak li hemm stipulat f'dan l-artikolu japplika ukoll mhux biss għall-konvenzjonijiet u rinunzja però anke għall-awtorizzazzjoni biex parti tipproċedi b'ċitazzjoni għas-separazzjoni personali;

Il-Qorti però tħoss li dan ma tistax tagħmlu mingħajr ma tinserixxi fil-liġi dak li mhux stipulat li ma jidħolx fil-kompitu tagħha li għandu jkun ristrett għal dak ta' l-interpretazzjoni tal-liġijiet ta' pajjiżna";

Din il-Qorti trid ta' bilfors taqbel ma' dawn is-sentimenti espressi mill-Qorti ta' l-Appell. Dak li l-liġi ma tipprovdix għalih speċifikatament ma jistax jiġi inserit mill-Qrati tagħna;

Kuntrarjament għal dak li ġie kważi kostantement ritenut

fil-prattika ta' dawn il-Qrati d-digrieti tas-Sekond'Awla ma għandhom ebda terminu u jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu rrevokati minn dik il-Qorti jew minn Qorti oħra u dana ħlief għall-eċċezzjonijiet fuq ikkwotata ta' l-artikolu 553, Kapitolu 12;

Għal dawn ir-raġunijiet din it-tieni eċċezzjoni hija miċħuda bl-ispejjeż kontra l-konvenuta u l-kawża għandha tkompli tinstema' fuq il-meritu.

---